# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 26 t'April 2001

**Numru : 51**

**Citaz. Numru : 525/01/RCP**

**Five Star Hotels Limited**

**vs**

**Intramed Ltd u Claude Muscat f'ismu proprio u ghan-nom tad-ditta Intramed Travel Bureau.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' sebat elef u seba mija liri Maltin (Lm7,700) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti prezz ta'

catering u servizzi ohra pprovduti fuq istruzzjonijiet taghkom fil-Lukanda Corinthia San Gorg;

Illi minkejja interpellati thallsu dan l-ammont, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu;

L-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, ma ghandiex dina l-Qorti:

1 . Taqta u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe` bid-dispensa tas-smiegh.

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef seba mija liri Maltin (Lm7,700) dovuti kif fuq intqal.

BI-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ingiunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra esebiti.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici, b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef seba mija liri Maltin (Lm7,700) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**26 t'April, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**26 t'April, 2001**